## LIS-SUR TONIN

### Ta' WALLACE Ph. GULIA

Kien ilu ma nafx kemm
lill-messaġġiera jwiddeb
li mal-pubbliku baħnan
ma jridx jitħallat,
għax għandu x'jagħmel wisq;
u allaħares xi messaġġier
għax nesa, jew għax mistħi jew imġiegħel
minn xi pampalun imdaqdaq
li fil-kurituri jgħajjat daqs ħmar u bħalu jinħaq
li "d-dinja taqa' JEKK LIS-Sur TONIN
ma nkellimx fil-waqt!",
kien idaħħallu lil xi ħadd jaqtagħlu
is-safa ta' ħsebijietu għolja
fuq kif l-aħjar il-poplu jgħix u jgħammar
min-nieqa sat-tebut ta' taħt l-irħama;
għax jintiliflek minnu nnifsu,
jibki li ħadd ma jifhmu,
ħadd għalih ma jħenn,
ma jisma' talbu;
kulħadd mir-rispett nieqes,
u ħadd ma jifhem kemm irid iġarrab
uġigħ il-ħlas sakemm il-ħsieb jitwieled
safi għal ġid il-poplu!
li baħnan u nieqes mill-għerf li jdawwal ġenji bħalu,
jintilef fix-xalar ta' nhar ta' Hadd
bla jifhem
ħadd ieħor kemm jitħabat għalih u jħobbu!

Fis-sikta ta' kamartu
arah lis-Sur Tonin iqalleb
kotba w karti,
megħjun minn sigarett jaħraqlu idu
u kikkra tè li sserraħ
uġigħ il-ħlas tal-ħsieb;
imma meta tasal biex tfeġġ il-lehma
iċċempel il-qanpiena tat-telefon, twerżaq, tgħajjat,
issieħlu għal ma' ġenbha,
tamarlu jħalli kollox, kollox jinsa, karti w kotba,
il-ħsieb imur; il-lehma lura terġa',
bla ħajr il-poplu jibqa'.
Tat-telefon biss is-Sur Tonin qaddej fidil.



Mat-telefon ma jilgħabx:
minn sħabu jwarrab, min-nies u mill-baħnana.
Iżda dik il-qanpiena
tqanqal il-kurżità:
Min jaf min hemm?—
xi ħadd fis-setgħa sew?
xi xagħar qamħet il-lewn?
xi kisra t'għajnejn suwed kbar?
XI HADD LI JISTA' jagħtih tarf għat-taħbil imgerfex
tal-kobba li għaddewlu biex iħoll?

Bil-ġirja jqum is-Sur Tonin u jwieġeb:
"Is-Sur Tonin hawnhekk", BIL-QIMA KOLLHA:
Lanqas ilsir quddiem in-nerf ta' sidu
ma kien iwieġeb b'dik il-ħlewwa,
il-leħen li jistieden, jagħti x'jifhem:
"Kollox sewwa,
Hawn jien arani,
id-dinja ma taqax,
għax fuq spallejja nżommha".
Filwaqt b'subgħajh it-trab mill-ġlekk itajjar,
u t-tinja tal-qalziet jirranġa.

## GEORGE JOSEPH VELLA (1884-1962)

### Ta' IVO MUSCAT AZZOPARDI

M'ilux, jiġifieri fl-4 ta' Lulju, 1962, miet f'tas-Sliema s-Sur George J. Vella.

Ftit huma dawk li taw każ ta' din l-aħbar ħlief xi ftit li jiġu minnu, xi ftit ħbieb tiegħu—fosthom is-Sur Ġużè Bonello u xi membri tal-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan.

Inċidentalment se ngħid li s-Sur G.J. Vella, flimkien ma' Fredu Nicholas, li fi xjuħitu reġa' rtira Malta mill-Eġittu u miet xi snin ilu, u Ġużè Bonello, li għadni kif semmejt, kienu tlieta mill-aqwa kolonni Maltija tal-Kajr u jistħoqqilhom kull ġieh u tifħir.

Imma aħna f'Malta għandna l-għada ħażina li dawk il-Maltin li jsiefru minn hawn, donna ninsewhom u ma nirrealizzawx x'ġid kbir ikunu għamlu għal isem Malta fost il-barranin.

U jien minħabba din il-għada ħażina, li nixtieq tassew li tinqata', iddeċidejt li nissokta nikteb u nħabrek biex ngħid kulma naf fuq dawn il-patrijotti.

U kif irnexxieli nikteb il-bijografija ta' Icilio Calleja, Joseph